**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta 5 ta' Frar 2019**

**Rikors Guramentat Numru:- 91/2017JVC**

**Paul Portelli u Agnes Portelli konjugi**

**vs**

**Emanuel Said**

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors Guramentat fejn l-atturi ppremettew:

1. Illi l-esponenti huma fil-pussess ta' porzjon raba "Il-Wilga ta' Gulin" tal-kejl ta' cirka sitt itmiem fil-limiti tan-Nadur, accessibbli minn triq kampestri maghrufa bhala Triq Bordin, liema raba hija ahjar murija fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument A;

2. Illi huma nizjalment kienu jokkupaw din ir-raba b'titolu ta' sullokazzjoni minghand Emanuel Said innifsu, u issa b'titolu ta' lokazzjoni direttament minghand is-sid, l-Avukat Francis Lanfranco;

3. Illi f'xi jiem wara s-16 ta' Ottubru 2017, il-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-esponenti, meta personalment, jew permezz ta' terzi, huwa qabad u dahal go dik ir-raba u haratha;

4. Illi ghalkemm mitlub sabiex jisporga l-ispoll vjolenti u klandestin kommess minnu, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Talbu li din il-Qorti;

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-danni tal-atturi meta f'xi jiem wara s-16 ta' Ottubru 2017 qabad u dahal gol-porzjon raba "Il-Wilga ta' Gulin" tal-kejl ta' cirka sitt itmiem fil-limiti tan-Nadur, accessibbli minn triq kampestri maghrufa bhala Triq Bordin u haratha;

2. Tikkundannah sabiex jisporga l-ispoll hekk kommess minnu billi jirripristina lill-atturi fil-pussess tar-raba hawn fuq imsemmija u dan b'dawk il-kundizzjonijiet li jigu stabbiliti minn din l-istess Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi tal-ittra ufficjali ta' Novembru 2017.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa ngunt.

Bir-riserva tal-azzjoni ghar-rizarciment tad-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-agir abbuziv u llegali tieghu.

Rat ir-risposta guramentata ta' Emanuel Said fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-atturi Paul u Agnes konjugi Portelli huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ma ghandhomx jigu milqugha u dan stante illi ma jezistux l-elementi rikjesti mil-ligi ghall-spoll u dan kif ser jigi dettaljatament pruvat fil-kors ta' din il-kawza;

2. Illi huwa ma jaqbel mal-ebda wahda mill-premessi, mill-ewwel sar-raba premessa, tar-rikors guramentat ipprezentat mill-atturi u dan stante illi din ir-raba ilha f'idejn l-esponenti u l-familja tieghu ghal dawn l-ahhar hamsin sena u huwa dejjem hallas il-qbiela u hadem l-istess raba hlief ghal sena wahda ghal meta ta permess lill-attur sabiex jiehu l-wicc ta' parti mir-raba ghall-bhejjem tieghu.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa l-atturi Paul u Agnes konjugi Portelli huma ngunti.

Rat l-affidavits, xhieda, ritratti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-27 ta' Novembru 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

**Fatti:**

Illi l-atturi konjugi Portelli jsostnu li huma l-attwali pussessuri ta' porzjon raba' maghrufa bhala 'Il-Wilga ta' Gulin" tal-kejl ta' cirka sitt itmiem fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex u dan mis-sena 2015. L-atturi jallegaw li fil-bidu huma kienu hadu din ir-raba' taht titolu ta' sullokazzjoni minghand il-konvenut Emanuel Said, fejn dan kien ghadda lilhom il-pussess tar-raba f'2015 versu s-somma ta' mija u erbghin ewro (€140) (ara kopja tac-cekk ezibit a fol. 19 tal-process). Huma jsostnu li din baqghet f'idejhom bl-istess titolu ghas-sentejn ta' wara u cioe' 2016 u 2017 u ta' dan huma halsu lill-konvenut l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300) tas-sena 2016 (fol. 20tal-process) u tliet mitt ewro (€300) kontanti li taghhom ma ghandux

ricevuta u hames mitt ewro (€500) permezz ta' cekk (fol. 21 tal-process). L-atturi jsostnu li fis-sena 2017 l-atturi konjugi Portelli tkellmu direttament mas-sid tal-ghalqa, l-Avukat Dr Francis Lanfranco b'dana li waslu fi ftehim u l-ghalqa giet lilhom koncessa taht titolu ta' lokazzjoni ghal zmien sena (ara l-iskrittura privata a fol. 5 tal-process). L-atturi jkomplu jsostnu li f'xi jiem wara s-sittax (16) ta' Ottubru 2017, il-konvenut personalment jew permezz ta' terzi minnu mqabbda kkommetta spoll vjolenti u klandestin u dana meta a dannu taghhom huwa qabad u harat din ir-raba'.

Illi min-naha tieghu l-konvenut isostni li l-elementi ta' spoll fil-kaz odjern ma jezistux. Huwa jghid li din ir-raba' ilha f'idejh u f'idejn il-familja tieghu taht titolu ta' qbiela ghal dawn l-ahhar hamsin (50) sena. Huwa jesebixxi fl-atti diversi ricevuti tal-hlas tal-qbiela. Jghid li minhabba ragunijiet ta' sahha fis-sena 2015 huwa ma setax jahdem ir-raba' u peress li hu u l-attur Paul Portelli kienu hbieb u kienu jafu lil xulxin minn eta' zghira, il-konvenut ta permess lill-attur Paul Portelli sabiex jiehu l-wicc ta' din ir-raba' ghall-bhejjem tieghu. Fir-rigward il-hlas ta' mija u erbghin ewro (€140) l-konvenut jghid li dan kien hlas ta' bicca raba' ohra maghrufa bhala 'Tal-Hanaq', u mhux dik mertu tal-kawza.

Il-konvenut ikompli jsostni li ghalkemm dan il-ftehim kien ghal sena wahda biss, l-attur Paul Portelli rega dahal u harat ir-raba' mertu tal-kawza. Jghid li huwa kellmu bil-kelma t-tajba pero' sussegwentament baghat ittra tramite l-avukat tieghu Dr Chris Said datata 14 ta' Novembru 2016 (fol. 68) fejn interpella lill-attur sabiex ma jergax jidhol fir-raba' maghrufa bhala 'Tal-Wilga'. L-attur irrisponda ghall-ittra msemmija

permezz ta ittra ohra mibghuta ffirmata mill-Avukat Dr Joseph Ellis datata 18 ta' Novembru 2016 (kopja taghha ffirmata tinsab esebita a fol. 110). Permezz ta' din l-ittra l-attur Paul Portelli kkonferma li l-raba' m'hijiex tieghu pero' qal li huwa kien qieghed jaghmel uzu minnha bil-permess tal-konvenut Said. Huwa nforma lill-konvenut Said li kienet l-intenzjoni tieghu li jiehu l-wicc li kien ghadu kif zergha hmistax qabel u jirrilaxxa l-pussess tar-raba' sa mhux aktar tard mill-15 ta' Awwissu tas-sena ta' wara u cioe' tas-sena 2017. Fid-dawl ta' din l-ittra, il-konvenut Said kien rega' baghat ittra risposta fuq l-ittra tal-attur datata 1 ta' Dicembru 2016 (fol. 70) fejn huwa kien intimah biex ghall-ebda raguni ma jerga' jirfes fir-raba' 'Tal-Wileg'.

Il-konvenut Said jghid li kien biss f'Marzu 2017 li huwa rega' tkellem mal-attur Pawlu Portelli fejn kien iltaqa' mieghu fi Triq Ramla fin-Nadur. Hawnhekk skont il-konvenut, baqghu li l-konvenut sejjer jithallas l-ammont ta' hames mitt ewro (€500) tal-wicc u l-attur mhux ser jerga' jidhol fir-raba'. Ikompli jghid li wara li l-attur gabar il-wicc f'April 2017 huwa beda jiehu hsieb ir-raba u dan kien fis-sajf 2017 u mhux f'Ottubru 2017. Jghid li huwa minnu li f'Ottubru 2017 kien qabbad persuna sabiex tahratlu l-ghalqa 'Tal-Wileg', pero' qabel kien ghamel xi xoghol fl-istess ghalqa.

**<u>Elementi fil-kawza ta' Spoll Privilegjat:</u>**

Illi l-awtur **Emidio Pacifici Mazzoni** fil-Volum III, Sezzjoni 52 iddefinixxa l-azzjoni ta' spoll vjolenti bhala *'qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato'*. [1]

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Margherita Fenech -vs- Pawla Zammit** deciza fit-12 ta' April 1958 inghad illi:

> 'L-"*actio spolii*" hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'

Illi kawza ta' spoll hija regolata mill-Artikolu 535 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

> (1) Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, imnezza mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqeghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

[1] Emanuel Falzon et -vs- Michael Vella et deciza nhar il-10 ta' Ottubru 2011.

> (2) Dan it-tqeghid mill-gdid fil-pussess jigi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-haga li taghha l-attur ikun bata' l-ispoll.

Illi mis-suespost johorgu t-tliet (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll privileggat tirnexxi, u cioe':

1. ***Actor docere debet possedisse***– il-pussess;
2. ***Spoliatum fuisse*** – l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u
3. ***Infra bimestre deduxisse*** – li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

*Actor docere debet possedisse* – il-pussess

Gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Alfredo Delia -vs- Bonaventura Schembri et** deciza nhar il-4 ta' Frar 1958 ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

> 'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, jew id-detenzjoni ta' haga mobbili jew immobili, li tigi vjolentement jew okkultament mehuda minghand il-possessur jew detentur; u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi-pussess tad-drittijiet reali; u hija nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalieh, ma setax jezercitah

minghajr l-intervent tal-Qrati. F'azzjoni ta' din in-natura mhumiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji, u ghall-"actio spollii" l-ispoljant ma jistax jirrispondi, "in difesa", li dak li ghamel kien att legittimu; ghaliex l-indagini tal-legittimita jew le hija riservata lill-gudizzju petitorja. '

Fil-kawza fl-ismijiet **Annetto Xuereb Montebello et -vs-Paolina Magri et** deciza nhar id-19 ta' Gunju 1953 rigward l-element tal-pussess l-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet ghamlet ampja referenza ghall-gurisprudenza taljana kif isegwi:

'Non è possesso giuridicamente reintegrabile quello che emana da una semplice concessione del proprietario – Cassazione Roma – 23 Giugno, 1905, Santucci vs. Di Francesco;

Non ricorre quel possesso di fatto che da diritto alla protezione mediante l'azione di reinterga ogni qualvolta il preteso spogliato abbia il godimento di un vantaggio basato sulla semplice tolleranza del preteso spogliatore – Cassaz. Di Torino – 17 ta' Dicembru 1907, Macone vs. Guglielmino;

Non puo agire in reintegra del possesso di un diritto di passaggio chi tale possesso ha sempre esercitato per mera tolleranza del vicino e chiedendogliene permesso – Cassazione di Torino – 15 ta' Dicembru, 1908, Lunghi vs.

Miglioati, kif citati fil-Fadda, Art. 695/697 (Vol. XXXVII, P.I, p.280)'.

_Spoliatum fuisse_

Dwar l-element ta' l-spoliatum fuisse, gie ritenut fil-kawza **Joseph Baldacchini -vs- Emanuel Falzon Fava** deciza fit-22 ta' April 1998 kif isegwi:

> 'Hemm certi rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex tkun tista' tigi ezercitata l-azzjoni ta' spoll, fosthom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-mohbi u min jikkometti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-haga mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi.'

Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Scerri vs. Spiridione Falzon** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-24 ta' Jannar, 1958 inghad ukoll kif isegwi:

> 'Spoll vjolent huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta' ta' l-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skont il-ligi, izda anke meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta' tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att.'

*Infra bimestre deduxisse*

Illi rigward l-element tat-terminu ta' xahrejn, fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Trevor Arends et -vs- Veronica Mizzi** deciza nhar il-11 ta' Jannar 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

> '… dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti ndipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Alfred Paul Farrugia nomine -vs- Peter Paul Cutajar** deciza fit-13 ta' Frar 2004 irriteniet illi:

> 'Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix pruvat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggat ma tistax treggi.'

Aktar specifikatament fil-kawza bl-ismijiet **Georgina Borg -vs- Errol Cassar et** deciza nhar il-21 ta' Ottubru, 2002 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

> 'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 2. B'danakollu t-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir *sine qua non* meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.

**<u>Mertu</u>**

Illi mill-atti jirrizulta li din il-porzjon raba' maghrufa bhala 'Tal-Wilga ta' Gulina', kienet f'idejn l-atturi fis-sena 2015 u 2016. Dwar l-2017 hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet ghajr li l-konvenut jammetti li kien ftiehem li Paul Portelli kellu jiehu l-wicc u dan ghamlu f'April, 2017. L-attur Paul Portelli jallega li din il-porzjon art primarjament kienet inghatat lilu mill-konvenut Said b'titolu ta' sullokazzjoni fis-sena 2015. Minn naha l-ohra, l-konvenut Said jallega li huwa kien ta l-wicc ta' din il-porzjon raba' ghal sena wahda biss meta huwa kellu problemi ta' sahha. Il-konvenut Said jixhed li fit-tieni sena u cioe' fis-sena 2016, l-attur Paul Portelli qabad u dahal fir-raba' tieghu u harat u zera z-zergha minghajr permess. Dan l-akkadut qanqal lill-konvenut tant li huwa sahansitra baghat ittra permezz tal-avukat tieghu datata 14 ta' Novembru 2016. B'risposta ghal din l-ittra, l-attur kien baghat risposta tramite l-avukat tieghu li dak iz-zmien jirrizulta li kien Dr Joseph Ellis fejn informa lill-konvenut li huwa kien

sejjer jivvaka mir-raba' u dan zgur sa mhux aktar tard mill-15 ta' Awwissu 2017. Dan wara li l-attur ikun lahaq ha l-wicc li kien ghadu kif zera. Kif gia nghad skont il-konvenut dan il-wicc l-attur hadu f'April, 2017. Fil-fatt is-somma ta' hames mitt Euro miftehma bejn il-partijiet u mhallsa lill-konvenut (ara c-cekk a fol. 21) tikkombaca sew ma' dak li jixhed il-konvenut u cioe' li l-partijiet kienu ltaqghu f'Marzu 2017 u ftehmu li Pawlu jiehu l-wicc tal-istess raba'.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti ma tistax tinjora dak dikjarat mill-attur lill-konvenut permezz tar-risposta bil-miktub li huwa baghat permezz tal-Avukat tieghu. Il-kliem uzat f'din l-ittra huwa car u ma jaghti lok ghall-ebda tip ta' interpretazzjoni. L-attur f'din l-ittra ddikjara minghajr riservi li *'…hija l-intenzjoni tal-mittenti illi jiehu l-wicc fiz-zmien propizju u jirrilaxxa l-pussess tal-istess sa mhux aktar tard mill-15 t'Awwissu tas-sena d-diehla.'*

Konsegwentement il-partijiet iltaqghu u sahansitra ftehmu li l-attur ihallas ghall-wicc u jiehdu kif fil-fatt ghamel f'April, 2017. Illi kif inghad fil-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata sabiex tissussisti l-azzjoni ta' spoll irid ikun hemm l-*ispoliatum fuisse* u cioe' azzjoni maghmula bi vjolenza jew bil-mohbi.

Fil-ktieb tieghu **Istituzioni di Diritto Civile**,[2] l-awtur **Emidio Pacifici Mazzoni** ddefinixxa '... bi vjolenza' bhala '*... qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volonta dello spogliato.*' Din id-definizzjoni giet diversi drabi adottata mill-Qrati taghna fosthom fil-kawza **Joseph Scerri -vs- Spiridione Falzon** fejn il-Qorti qieset spoll vjolenti bhala

[2] E. Pacifici Mazzoni, *Istituzioni di Diritto Civile*, Volume III (Firenze 1873).

'...kwalsijasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta' tal-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skont il-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta' tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att ...'

Illi dan l-element li l-azzjoni trid tkun maghmula bi vjolenza jew klandestinament cioe' bil-mohbi huwa nieqes u dan ghaliex kien l-attur innifsu li b'ittra tat-18 ta' Novembru 2016 informa lill-konvenut li kien sejjer jirrilaxxa l-pussess tal-art sal-15 ta' Awissu, 2017. Apparti minn hekk gie sufficjentement pruvat fl-atti li l-istess attur ha l-wicc wara ftehim mal-konvenut f'April, 2017 u konsegwentement ma jistax jitqies li zamm il-pussess tar-raba'. Dan qed jinghad ghaliex f'dawn ic-cirkustanzi meta l-konvenut Said, kif jixhed, dahal fl-ghalqa fis-Sajf tas-sena 2017 u konsegwentement f'Ottubru, 2017 harat ir-raba' in kwistjoni ma kkommetta l-ebda vjolenza u lanqas saret bil-mohbi ghaliex kien l-attur innifsu li ddikjara li sejjer jirrilaxxa l-pussess kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm bi ftehim mal-istess konvenut.

Apparti minn hekk l-atturi bl-ebda mod ma ressqu prova li tikkontradixxi dak li xehed il-konvenut bil-gurament li huwa kien ghamel xi xoghol fir-raba' sahansitra fis-Sajf 2017 wara li l-attur Pawlu Portelli kien hasadha f'April, 2017. Il-Qorti rinfaccjata b'sitwazzjoni mhux kontestata li l-konvenut dahal fl-ghalqa fis-Sajf tas-sena 2017, Sajf li jibda mill-21 ta' Gunju, 2017 (wara li sahansitra l-attur kien hasad u rrilaxxa l-pussess f'April, 2017) tqis allura li l-atturi jekk b'xi mod legalment kellhom xi jedd

li jifthu kawza ta' spoll din kellhom jaghmluha fi zmien xahrejn minn meta l-konvenut dahal l-ewwel darba fir-raba' fis-sajf u mhux biss meta din giet mahruta allegatament nhar is-16 ta' Ottubru, 2017. Jirrizulta ghalhekk lill-Qorti li l-kawza li giet intavolata nhar it-30 ta' Novembru, 2017 saret ferm oltre t-terminu ta' xahrejn dekadenza mpost mil-ligi.

Kif gia accennat aktar 'il fuq din il-Qorti lanqas hija konvinta li l-atturi kien ghadhom fil-pussess jew almenu fid-detenzjoni tar-raba' in kwistjoni f'Ottubru, 2017 meta qed jallegaw li sar l-ispoll stante li huma kienu bi ftehim mal-konvenut hasdu r-raba lura f'April, 2007 u halsu l-konvenut talli hallihom jaghmlu hekk.

Illi dwar l-iskrittura ta' kera esebita mill-attur favur tieghu kif ukoll il-provi esebiti mill-konvenut rapprezentanti ricevuti ta' hlas ta qbiela allegatament fuq l-istess raba' din il-Qorti mihijiex ser tidhol fil-mertu taghhom in vista li din hija kawza ta' spoll fejn mera detenzjoni, jekk pruvata u suggett li jkunu sodisfatti l-elementi kollha tal-ispoll hija bizzejjed sabiex tirnexxi l-kawza u l-Qorti odjerna hija legalment prekluza milli fl-ambitu ta' semplici kawza ta' spoll tidhol fil-mertu dwar min ghandu titolu jew le fuq l-art *de quo*.

Illi izda fil-kaz odjern, in vista ta' dak kollu suespost u mill-assjem tal-provi kollha fl-atti, il-Qorti tqis li kemm l-element ta' *spoliatum fuisse*, tal-*possedisse*, kif ukoll tal-*infra bimestre deduxisse* huma neqsin u ghalhekk tqis li l-kawza attrici ma tistax legalment tirnexxi.

**<u>Decizjoni</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Emanuel Said stante li jirriżulta li l-atturi ma ssodisfawx l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex tirnexxi l-kawża ta' spoll tentata minnhom;

2. Konsegwentement tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha attriċi.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jiġu sopportati mill-atturi.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Maġistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Reġistratur

Vera kopja

D/Reġistratur